# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Kawża Nru. 20**

**Rik. Nru. 54/13JRM**

Dina **ABRAHAM TEKIE**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Settembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet lil din il-Qorti (a) issib li għandha jedd li tappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Rifuġjati tad-29 ta' Novembru, 2012, li ċaħdet it-talba tagħha għall-applikazzjoni sussegwenti skond l-Artikolu 39(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar *standards* minimi għall-proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat; (b) issib, għalhekk, illi d-deċiżjoni li ħa l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati fit-18 ta' Frar, 2013, fil-każ bin-numru 4126a/12 hija riżultat ta'

tifsira ħażina tal-liġi li tgħodd għall-każ tagħha u għalhekk ingħatat bi ksur tal-liġi; (ċ) tħassar u tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli fuq imsemmija; (d) tgħaddi l-atti lura lill-Bord tal-Appelli biex jiddeċiedi dwar il-mertu in kwistjoni, u tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi; (e) issib li l-liġi Maltija mhix konformi mad-dettami tal-Artikolu 39(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill fuq imsemmija; u (f) tordna li jsiru l-bidliet meħtieġa fil-liġi Maltija. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Settembru, 2013[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-21 ta' Ottubru, 2013, li biha l-imħarrek Avukat Ġenerali laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal illi (a) l-attriċi għandha tiddikjara fuq liema artikolu tal-liġi qiegħda tibbaża l-azzjoni tagħha b'mod speċifiku fir-rigward tal-ħames u sitt talbiet tagħha; (b) l-azzjoni hija rrita u nulla peress li, skond l-Artikolu 7(9) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx appell minn deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rifuġjati sakemm l-azzjoni ma tkunx imsejsa fuq ksur ta' dritt fundamentali skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, l-imħarrek jilqa' billi jghid li (a) l-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati ma kellu ebda setgħa li jqis l-appell imressaq mill-attriċi skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 420, u li mkien ma qal lill-attriċi li ma kellhiex jedd li tappella jew li ma kienx ser jingħatalha dan il-jedd; (b) il-Bord tal-Appelli ma ċaħadx l-appell u lanqas ċaħħadha milli tressaq talba għal applikazzjoni sussegwenti lill-Kummissarju għar-Rifuġjati skond l-Artikolu 7A tal-Kap. 420, billi applika l-liġi b'mod ġust u ma ta ebda rakkomandazzjoni; (ċ) l-attriċi ma ressqet ebda talba marbuta mar-raġunijiet li ngħataw mill-Kummissarju għar-Rifuġjati biex jispjega għaliex ma kienx hemm lok min-naħa tagħha għal applikazzjoni sussegwenti; u li (d) il-liġi Maltija hija konformi mad-dettami tad-Direttiva tal-Kunsill fuq imsemmija;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru, 2013[2] fil-kawża fl-ismijiet *Sadek Mussa Abdalla vs. Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati u l-Avukat Ġenerali*;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2013[3], li bih fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preliminari mressqa fil-kawża fuq imsemmija bin-numru 511/13, din il-kawża għandha tinstema' mal-kawza msemmija;

---

[1] Paġ 33 – 4 tal-proċess
[2] Sentenza *in parte* bir-Rik. Nru. 511/13 JRM
[3] Paġ. 43 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2015[4], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-30 ta' Ġunju, 2015[5] li fiha, fost oħrajn, irtirat ir-raba' talba tagħha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-29 ta' Ottubru, 2015[6], bi tweġiba għal dik tal-attrici;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi dokumentali mressqa quddiemha mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi tilminta kemm minn deċiżjoni meħuda mill-Kummissarju għar-Rifuġjati[7] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-Uffiċjal Kap") li biha ċaħad it-talba tagħha biex titħalla tressaq applikazzjoni sussegwenti biex tingħata kenn (ażil) f'Malta u kif ukoll mill-Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati[8] (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Tribunal") li ma laqax l-appell tagħha minn dik id-deċiżjoni minħabba li qatagħha l-liġi tagħtih is-setgħa li jisma' appelli minn rakkomandazzjonijiet li jagħmel l-Uffiċjal Kap, u mhux minn deċiżjonijiet li jieħu. Hija tgħid li, bis-saħħa tad-Direttiva 2005/85 tal-Kunsill (minn issa 'l hemm imsejħa "id-Direttiva"), kellu jkollha jedd ta' appell minn deċiżjoni tal-Uffiċjal Kap ukoll meta jiċħad talba għal ażil u li b'hekk il-liġi nazzjonali naqset li tittrasponi kif imiss id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Direttiva. Titlob it-tħassir tad-deċiżjoni tat-Tribunal u li l-Qorti terġa' tibgħat il-każ tagħha quddiemu, u kif ukoll li din il-Qorti ssib li l-liġi nazzjonali m'hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva f'dak li jirrigwarda l-i*standards* minimi għall-proċeduri fl-Istati Msieħba għall-għoti u l-irtirar tal-i*status* ta' rifuġjat u għalhekk tordna li l-liġi tinbidel biex tirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39(1)(ċ) (tad-Direttiva);

[4] Paġ. 97 tal-proċess
[5] Paġġ. 98 sa 112 tal-proċess
[6] Paġġ. 114 – 7 tal-proċess
[7] Illum imsejjaħ Uffiċjal Kap Eżekuttiv
[8] Illum imsejjaħ Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid illi t-Tribunal ma ċahadx l-appell tal-attriċi iżda għarrafha illi, fin-nuqqas ta' rakkomondazzjoni mill-Uffiċjal Kap, il-liġi ma kinitx tagħtih is-setgħa li jaġixxi. Għaldaqstant, f'każ ta' provi ġodda ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attriċi milli tressaq talba lill-Uffiċjal Kap għal applikazzjoni sussegwenti skond l-Artikolu 7A tal-Kap. 420. Dan ifisser illi l-Att jaqbel mad-Direttiva u m'ghandux għalfejn jinbidel għaliex jagħti rimedju effettiv kif titlob l-istess Direttiva. B'mod preliminari, l-imħarrek jgħid ukoll illi proċeduralment (a) l-attriċi naqset illi ssemmi d-dispożizzjoni tal-liġi li fuqha qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha, b'mod speċifiku fir-rigward tal-ħames u sitt talbiet tagħha; u li (b) l-azzjoni minnha mibdija hija irrita u ma tiswiex għaliex skond l-Artikolu 7(9) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx appell minn deċiżjoni tat-Tribunal sakemm l-azzjoni ma tkunx imsejsa fuq ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali imressqa skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u li r-rimedju waħdieni huwa dak mogħti mill-Artikolu 7A tal-istess Att li jitkellem fuq applikazzjoni sussegwenti wara deċiżjoni finali tat-Tribunal;

Illi l-fatti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawża juru li l-attriċi waslet Malta fit-8 ta' April, 2011 b'mod irregolari fuq dgħajsa mil-Libja. Hija tgħid li twieldet fl-Etjopja f'Ġunju tal-1972 minn omm Etjopjana u missier Eritrew. Meta kellha sebgħa u għoxrin sena, il-gvern tal-Etjopja iddeportaha lejn l-Eritreja. Skond ma xehdet hi, ftit xhur wara, ħarbet lejn is-Sudan minn fejn, fl-2009, marret il-Libja;

Illi fit-12 ta' April, 2011[9], ftit jiem wara l-wasla tagħha f'Malta, l-attriċi ressqet talba mal-Uffiċċju tal-Uffiċjal Kap sabiex tingħata kenn (ażil[10]). Fis-27 ta' Mejju, 2011[11], kellha intervista li tmexxiet fil-preżenza ta' interpretu f'ilsien li kienet midħla tiegħu. Dakinhar, hija mliet applikazzjoni biex tingħata għarfien tal-i*status* ta' rifuġjata taħt l-Att[12]. Wara li qies l-istqarrija tagħha u wettaq il-konsultazzjonijiet tiegħu, l-Uffiċċju tal-Uffiċjal Kap fassal rapport ta' evalwazzjoni u qies li l-attriċi kienet naqset li tressaq prova tajba biżżejjed li hija kienet tabilħaqq ċittadina eritrejana u li kienet se ġġarrab persekuzzjoni li kieku kellha tintbagħat lura fl-Etjopja[13]. Għalhekk, l-Uffiċjal Kap ċaħad it-talba tagħha u bagħat jgħarrafha b'dan fit-2 ta' Lulju, 2011[14] u taha r-raġunijiet għaliex kien qiegħed jirrikomanda li t-talba tagħha ma tintlaqax. Fl-istess komunikazzjonijiet li bagħtilha, l-Uffiċjal Kap għarrafha wkoll bil-jedd tagħha li tressaq appell. Dakinhar ukoll, huwa bagħat lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru kompetenti r-rakkomandazzjoni tiegħu li t-talba tagħha ma tintlaqax[15];

---

[9] Dok "MGF1": Applikazzjoni Nru. 11468/11 f'paġġ. 74 – 5 tal-proċess
[10] B'seħħ minn Marzu tal-2015, il-liġi qiegħda tuża l-kliem "*protezzjoni internazzjonali*" (art. 2 tal-Att VI tal-2015)
[11] Dok "MGF2", f'paġġ. 76 sa 82 tal-proċess
[12] Dok "DA1", f'paġġ. 8 – 11 tal-proċess
[13] Dok "MGF3", f'paġġ. 83 – 6 tal-proċess
[14] Dokti. "DA2" u "MGF4" sa "MGF6" f'paġġ. 13 – 4, 87 – 9 tal-proċess
[15] Dokti. "DA2" u "MGF6", f'paġġ. 12 u 90 tal-proċess

Illi l-attriċi appellat minn dak ir-rifjut[16], u għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li t-Tribunal iħassar id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Kap u jibgħatlu lura l-atti biex iqis jekk kemm-il darba jistħoqqilhiex tingħata protezzjoni sussidjarja taħt l-Att, minħabba l-biżgħa fondata tagħha li ġġarrab trattament ħażin u bi ħsara għal ħajjitha li kieku kellha tintbagħat lura fil-pajjiż tal-oriġini tagħha. B'deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru, 2011[17], it-Tribunal ċaħad l-appell tal-attriċi. Sadattant, l-attriċi kienet għadha tinżamm f'ċentru ta' detenzjoni f'Malta;

Illi fit-2 ta' Lulju, 2012[18] l-attriċi ressqet talba oħra ("applikazzjoni sussegwenti") lill-Uffiċjal Kap sabiex jerġa' jistħarreġ l-applikazzjoni tagħha fuq is-saħħa ta' dokument ġdid li ressqitlu li juri n-nazzjonalita` tagħha. B'ittra mibgħuta lill-avukat tal-attriċi fid-29 ta' Novembru, 2012[19] (li l-istess avukat tgħid li kienet waslitilha fil-5 ta' Diċembru), il-Kummissjoni bagħtet tgħarrafha li ma kinitx qiegħda tilqa' it-talba tagħha biex il-każ jerġa' jitqies mill-ġdid għaliex, għall-finijiet tal-Artikolu 7(a) tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta, kien hemm dubji dwar kemm id-dokument li ressqet mat-tieni talba kien awtentiku, u kif ukoll għaliex l-attriċi ma fissritx għaliex ma kinitx ressqitu qabel meta għamlet it-talba oriġinali;

Illi fl-10 ta' Diċembru, 2012[20], l-attriċi appellat minn din id-deċizjoni. Fit-12 ta' Diċembru, 2012[21], it-Tribunal avżaha li kellha żmien sal-14 ta' Jannar, 2013, biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha. Jidher li l-attriċi ressqet is-sottomissjonijiet tagħha fit-18 ta' Frar, 2013[22]. B'deċiżjoni meħuda dakinhar, 18 ta' Frar, 2013,[23] it-Tribunal bagħat jgħarraf lill-attriċi li ladarba l-Uffiċjal Kap ma kienx għamel l-ebda rakkomandazzjoni fid-deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Diċembru, 2012, it-Tribunal ma setax f'dak l-istadju jqis l-appell tagħha dwar l-applikazzjoni sussegwenti, u għalhekk ma kienx qiegħed jilqa' it-talba tal-avukat tagħha biex tingħata aktar żmien biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha tal-appell;

Illi fl-4 ta' Settembru, 2013, l-attrici fetħet din il-kawża;

Illi fiż-żmien li din il-kawża kienet qiegħda tinstema', l-Uffiċċju reġa' qies l-applikazzjoni sussegwenti tal-attriċi u, fis-17 ta' Diċembru, 2014[24], l-Uffiċjal Kap bagħat jgħarrafha illi b'tibdil li kien sar fil-proċedura fid-dawl tad-Direttiva 2013/32UE, kien se' jerġa' jqis it-talba tagħha tat-2 ta' Lulju, 2012.

[16] Dok. "DA3" f'paġġ. 15 – 20 tal-proċess
[17] Dok. "DA4" f'paġġ. 21 tal-proċess
[18] Dok. "DA5", f'paġġ. 22 – 5 tal-proċess
[19] Dok "DA6", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[20] Dok. "DA7" f'paġ. 28 tal-proċess
[21] Dok "DA8", f'paġ. 29 tal-proċess
[22] Dok "DA9", f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess
[23] Dok. "DA10" f'paġ. 32 tal-proċess
[24] Dok. "MGF8" f'paġ 93 tal-proċess

Kemm hu hekk, l-Uffiċċju wasal għall-fehma li l-attriċi kienet tħabbat wiċċha ma' riskju serju ta' ħsara jekk kemm-il darba titreġġa' lura lejn pajjiżha u fl-10 ta' Jannar, 2015, l-attrici ngħatat protezzjoni sussidjarja mill-Uffiċċju tal-Uffiċjal Kap[25], liema protezzjoni tiġġedded kull tliet snin;

Illi minħabba dak l-iżvilupp fil-każ tagħha, l-attriċi ma baqgħetx tisħaq aktar fuq ir-raba' talba tagħha għaliex naqas il-mertu ta' dik it-talba[26];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Dawn il-konsiderazzjonijiet iridu jsiru fil-qafas ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u jridu jieħdu wkoll qies tat-talbiet attriċi u safejn talbiet bħal dawk jistgħu jintlaqgħu kif magħmula;

Illi l-Qorti se tibda billi tqis qabel kollox **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrek fit-Tweġiba Maħlufa li hija marbuta ma' nuqqas li joħroġ mir-Rikors Maħluf fejn l-imħarrek jgħid li l-attrici ma ssemmix liema dispożizzjoni tal-liġi ssejjes l-azzjoni tagħha, b'mod speċifiku f'dak li jirrigwarda l-ħames u s-sitt talbiet tagħha. F'dawk iż-żewġ talbiet, l-attriċi titlob li din il-Qorti ssib li l-liġi tagħna ma taqbilx ma' dak li jitlob l-Artikolu 39(1)(ċ) tad-Direttiva u li għandha minħabba f'hekk tordna li jsiru l-bidliet fil-liġi nazzjonali biex jitħares dak li jitlob l-imsemmi artikolu;

Illi, minkejja li l-imħarrek qatt ma rtira dik l-eċċezzjoni, la hu u lanqas l-attriċi ma ressqu sottomissjonijiet dwarha. Il-Qorti, madankollu, tqis li għandha tistħarriġha biex tara jekk l-azzjoni attriċi hijiex taħlita ta' azzjonijiet jew ta' talbiet f'azzjoni attriċi waħda. Minn eżami tat-talbiet, il-Qorti tasal għall-fehma li din l-azzjoni hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju. Wara kollox, azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' dik li hi minkejja li l-att ġudizzjarju li jiftaħ kawża bħal dik ma jsemmix l-artikolu nnifsu speċifikatament. Hija azzjoni li tattakka deċiżjoni amministrattiva u wkoll is-siwi ta' liġi sussidjarja;

Illi l-Qorti tqis li huwa fis-setgħa tagħha li tara jekk kemm-il darba xi provvediment li għandu s-saħħa ta' liġi nħariġx sewwa mill-awtorità mogħnija bis-setgħa li tagħmlu[27]. Dan ifisser li l-eżami jrid isir kemm dwar il-persuna li tkun għamlet xi liġi bħal dik u kif ukoll dwar jekk il-persuna li kienet mogħtija s-setgħa li tagħmel liġi bħal dik baqgħetx fil-limiti ta' dik is-setgħa jew marritx lil hinn minnhom. Fil-każ ta' leġislazzjoni sussidjarja, il-Qorti trid dejjem tkejjel is-setgħat tal-awtorita` li tagħmel liġi sussidjarja mas-setgħat li jkunu ngħataw fil-liġi ewlenija għaliex huwa minn din il-liġi li l-awtorità tingħata 'delega' biex toħroġ liġijiet sussidjarji;

[25] Affidavit Mario Guido Friggieri f'paġ. 73 tal-proċess
[26] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 99 tal-proċess
[27] App. Ċiv. **8.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Ministru Responsabbli mill-Ġustizzja u l-Intern et***

Illi f'każijiet bħal dawn, il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ is-siwi ta' leġislazzjoni bħal dik, mhux bis-setgħat mogħtijin lilha fl-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva skond l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda taħt is-setgħat ta' stħarriġ usa' li jagħtiha l-Artikolu 32(1) tal-istess Kodiċi. In-nuqqas ta' tismija min-naħa tal-attriċi ta' dan l-artikolu ma jġibx nuqqas ta' siwi tal-azzjoni tagħha u l-azzjoni, kif imfassla, ma fiha l-ebda kontradizzjoni u lanqas l-imħarrek ma nġab f'qagħda li ma setax jiddefendi l-każ tiegħu;

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni mhix sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tieni eċċezzjoni preliminari** marbuta ma' dak li jgħid l-Artikolu 7(9)[28] tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sottomissjonijiet tagħha l-avukat tal-imħarrek tgħid illi dan il-każ ma jirrappreżentax ksur ta' xi dritt fundamentali u għaldaqstant iċ-ċirkustanzi tal-każ ma jaqgħux fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodiċi proċedurali[29];

Illi, min-naħa tagħha, l-attriċi twarrab din l-eċċezzjoni u tressaq sottomissjonijiet biex twaqqagħha, flimkien ma' riferenzi għal bosta sentenzi li jistabilixxu s-setgħa tal-Qorti li twettaq stħarriġ minkejja li l-liġi ma tagħtix jedd ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal[30];

Illi l-Qorti tqis li lanqas din l-eċċezzjoni preliminari ma hija tajba. Tibda biex tgħid li r-riżerva magħmula fl-Artikolu 7(9) tal-Att tirreferi għal ksur ta' jedd fundamentali. Għalhekk, meta l-imħarrek isemmi azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, ma jkunx qiegħed isostni l-eċċezzjoni tiegħu għaliex huwa magħruf li l-azzjoni maħsuba taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tintuża minflok il-proċedura speċjali ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali[31]. Fit-tieni lok u b'żieda ma' dak li ngħad qabel dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, fid-dawl tal-fatt li din tal-attriċi hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, l-artikolu tal-Att ma jistax jintuża bħala raġuni biex din il-Qorti titlef is-setgħa tagħha li tistħarreġ l-ilment tal-attriċi. Dan jingħad għaliex, għalkemm hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid li d-deċizjoni tat-Tribunal ma tistax tiġi kontestata quddiem qorti tal-ġustizzja, min-naħa l-oħra hemm il-prinċipju ogħla li jgħid li ħadd ma hu 'l fuq mil-liġi, u li huma l-qrati tal-ġustizzja l-organu fdat bis-setgħa u bid-dmir li jgħidu jekk il-liġi tħarsitx. Barra minn hekk, l-attrici tilmenta illi ġiet imċaħħda milli tressaq appell

---

[28] Bis-saħħa tal-art. 4 tal-Att XL tal-2020, dan l-artikolu issa huwa l-art. 7(10) tal-Kap 420
[29] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek f'paġ. 115 tal-proċess
[30] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġġ. 101 – 3 tal-proċess
[31] Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Ghall-Akkomodazzjoni Soċjali et***

u għaldaqstant minn ksur ta' dritt ta' aċċess għal qorti li jagħmel parti sħiħa mill-jedd għal smigħ xieraq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, lanqas it-tieni eċċezzjoni preliminari ma jixirqilha tintlaqa';

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis is-siwi tat-**talbiet attriċi fil-mertu**. L-ewwel tliet talbiet huma msenslin flimkien u konsegwenzjali għal xulxin. Kollha kemm huma jduru mal-jedd li l-attriċi titħalla tappella mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Kap li ma sabx li seħħilha tressaq provi ġodda biex ikun jista' jqis l-applikazzjoni sussegwenti tagħha. Il-Qorti tqis li jixraq li dawn it-tliet talbiet tqishom flimkien;

Illi l-attriċi tgħid li t-Tribunal ma kellux jiċħad l-appell tagħha mid-deċiżjoni li ħa l-Uffiċjal Kap fl-ittra tiegħu lilha tad-29 ta' Novembru, 2012. Hija tisħaq li r-raġuni msemmija mit-Tribunal – li ma setax iqis l-appell tagħha għaliex l-ittra tal-Uffiċjal Kap ma kinitx rakkomandazzjoni imma deċiżjoni – ma setgħetx isservi biex jinċaħdilha jedd li d-Direttiva tagħtiha u lil kull min hu fl-istess qagħda tagħha. Fi kliem ieħor, l-attriċi tattakka d-deċiżjoni tat-tribunal fuq żewġ livelli: li t-Tribunal ta tifsira litterali lil-liġi biex naqas li jwettaq is-setgħat tiegħu u li, jekk kemm-il darba huwa tassew minnu li t-Tribunal jista' jisma' appelli biss minn rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal Kap, dan ifisser li l-liġi nazzjonali tonqos meta mqabbla mid-Direttiva li minnha hija miruta;

Illi l-imħarrek jgħid dawk it-talbiet attriċi jissejsu fuq allegazzjonijiet u pretensjonijiet bla bażi. Filwaqt li jisħaq li kemm l-Uffiċjal Kap u kif ukoll it-Tribunal imxew kif kienet titlob il-liġi, l-imħarrek jgħid kif it-tħaddim tal-liġi fil-każ tal-attriċi kien jaqbel ma' dak mitlub fid-Direttiva. Iżid ukoll li l-istituzzjonijiet għolja Komunitarji ma nedew qatt l-ebda proċeduri kontra Malta dwar il-mod kif ittrasponiet id-Direttiva, kif kienu jagħmlu li kieku dehrilhom li Malta naqset milli tadotta kif jixraq l-imsemmija Direttiva. B'turija ta' dan, jgħid li l-jeddijiet tal-attriċi taħt l-istess liġi llum wassluha biex ingħatat il-ħarsien li kienet talbet sa mill-bidu. Minħabba f'hekk, l-imħarrek jgħid li l-mertu tat-talbiet attriċi llum jinsab eżawrit;

Illi l-Qorti tqis li l-ewwel tliet talbiet attriċi jintlaqtu sewwa b'dak li ġara hi u miexja l-kawża. Ma taqbilx ma' kulma jgħid l-imħarrek, għaliex jidher ċar li, sa ma l-kawża tħalliet għas-sentenza, il-liġi kienet inbidlet u kien minħabba wħud mit-tibdiliet li saru li l-qagħda tal-attriċi għaddiet għall-aħjar dwar dak li kienet qiegħda titlob. Bidliet oħrajn fil-liġi baqgħu jsiru sa dawn l-aħħar żminijiet ukoll. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tagħraf tali bidliet u fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li l-azzjoni tagħha tirreferi għall-waqt meta t-Tribunal ħaddem b'mod ħażin

il-liġi li twaqqaf taħtha u kif dak it-tħaddim ma kienx jaqbel mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva;

Illi l-Qorti tagħraf li l-ilment tal-attriċi ma kienx jirrigwarda daqstant l-ittra mibgħuta lilha mill-Uffiċjal Kap fid-29 ta' Novembru, 2012, li biha qalilha li ma kienx tal-fehma li hija kienet għaddietlu provi ġodda tajbin biżżejjed biex seta' jqis l-applikazzjoni sussidjarja tagħha. B'dik l-ittra, huwa kien ċaħad it-talba tagħha taħt l-applikazzjoni sussidjarja. L-ilment tal-attriċi – kif jidher mill-ewwel talba tagħha – jirreferi għad-deċiżjoni tat-Tribunal li ma jqisx l-appell tagħha għaliex, fil-fehma tiegħu, huwa kellu s-setgħa jqis biss appelli minn "rakkomandazzjoni" tal-Uffiċjal Kap u mhux deċiżjonijiet. Mill-provi ħareġ li, meta l-istess Uffiċjal Kap bagħat l-imsemmija ittra lill-attriċi, semma dispożizzjoni mil-liġi (sussidjarja) li kienet fis-seħħ dak iż-żmien[32]. Dik id-dispożizzjoni kienet titkellem minn għajnuna ta' avukat f'appell quddiem it-Tribunal. Minbarra dan, meta l-attriċi ressqet it-talba tagħha fl-10 ta' Diċembru, 2012, quddiem it-Tribunal biex tikkontesta d-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċjal Kap fid-29 ta' Novembru, it-Tribunal bagħat jgħarrafha li kellha żmien sakemm tressaq is-sottomissjonijiet tagħha quddiemu, u ma ċaħdilhiex il-jedd li tressaq l-appell. Kien biss fid-deċiżjoni tat-18 ta' Frar, 2013, li t-Tribunal qalilha li l-appell tagħha ma setax jisimgħu fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni min-naħa tal-Uffiċjal Kap;

Illi l-Qorti jidhrilha li t-Tribunal ma mexiex sewwa mal-attriċi f'din iċ-ċirkostanza u li dan ġara mhux għaliex il-liġi nazzjonali kienet nieqsa minn dak li kienet tipprovdi d-Direttiva, imma minħabba tħaddim x'aktarx drakonjan tal-liġi fis-seħħ. Huwa minnu li kemm l-Att[33] u kif ukoll il-leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħtha[34] jitkellmu dwar setgħat tat-Tribunal li jisma' u jiddeċiedi appelli kontra rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal Kap u li "appell" tfisser sewwasew "appell magħmul kontra rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv". Min-naħa l-oħra, la l-Att u lanqas dik il-leġislazzjoni sussidjarja ma kienu jagħtu tifsira ta' "rakkomandazzjonijiet" u wisq anqas kienu jgħidu li l-imsemmi Uffiċjal Kap ma setax jieħu wkoll deċiżjonijiet dwar l-istess talbiet li jsirulu minn persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali. Il-Qorti tista' tifhem li l-kelma "rakkomandazzjoni" ddaħħlet fil-liġi minħabba li, fi kwestjonijiet li jirrigwardaw immigranti, il-liġi riedet li l-aħħar kelma jew deċiżjoni tkun dik tal-Ministru. Iżda dan bl-ebda mod ma kien ifisser li r-rakkomandazzjonijiet li kien mistenni jagħmel l-Uffiċjal Kap ma kinux il-frott ta' skrutinju li jwassal għal deċiżjoni. Kemm hu hekk, il-liġi wkoll kienet taħseb għal meta jkun il-Ministru

32 Reg. 7(2) tar-Regolamenti tal-2008 dwar l-i*Standards* ta' Proċedura fl-Eżami tal-Applikazzjonijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali (A.L. 243/2008) li llum il-ġurnata tħassru u minflokhom iddaħħlu r-Regolamenti tal-2015 dwar l-i*Standards* ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (A.L. 416/2015, L.S. 420.07)

33 Artt. 7(1) u (2) tal-Kap 420 (kif kienu fis-seħħ fiż-żmien rilevanti)

34 Regg. 2 u 3 tar-Regolamenti tal-2001 dwar il-Proċeduri tat-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali (A.L. 252/2001, L.S. 420.01)

nnifsu li ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal Kap u jressaq talba huwa stess quddiem it-Tribunal.[35]

Illi mhux hekk biss, imma l-leġislazzjoni sussidjarja li kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti kienet tagħmilha ċara li l-jedd ta' applikant li jingħata għajnuna legali (ukoll b'xejn) kienet tgħodd fil-każ ta' "deċiżjoni negattiva" tiegħu u li kien jingħata lill-avukat imqabbad mill-applikant milqut minn deċiżjoni bħal dik il-jedd ta' aċċess għall-fajl tiegħu u li tali tagħrif jista' jeżaminah ukoll it-Tribunal[36]. Fi kliem ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet kienu qegħdin jipprovdu għall-jedd ta' aċċess quddiem it-Tribunal tal-appell ukoll minn deċiżjonijiet meħuda mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u mhux biss minn rakkomandazzjonijiet tiegħu. Minbarra dan, l-istess Regolamenti kienu jipprovdu għal jedd ta' appell minn deċiżjoni sfavorevoli ta' eliġibilita` għal status ta' rifuġjat jew ta' status ta' protezzjoni sussidjarja[37];

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti tislet il-fehma li r-raġuni li ta t-Tribunal fit-18 ta' Frar, 2013, ma kinitx raġuni tajba biex iwarrab l-appell imressaq quddiemu mill-attriċi, għaliex, minkejja l-kliem tal-liġi, ma kellux ifarfar milli jwettaq is-setgħat tiegħu billi jfettaq jekk l-appell li jitressaq quddiemu jkunx il-frott ta' deċiżjoni jew ta' rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal Kap. Jidher li l-leġislatur illum għaraf kemm dak il-kliem fil-liġi kien jista' jagħti lok għal taħwid bla bżonn billi, f'bidliet li ddaħħlu dan l-aħħar fl-Att kull tismija ta' "rakkomandazzjoni" tneħħiet u minflokha daħlet il-kelma "deċiżjoni"[38];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba** attriċi hija mistħoqqa u l-attriċi kellha kull jedd li tressaq l-appell tagħha mid-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċjal Kap fl-ittra tiegħu lilha tad-29 ta' Novembru, 2012;

Illi jsegwi li **t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** huma mistħoqqa wkoll għaliex it-Tribunal ma mexiex sewwa meta qatagħha li l-appell tal-attriċi ma setax jisimgħu minħabba li ma kienx ir-riżultat ta' rakkomandazzjoni tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv. Jekk inhu hekk, dik id-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx skond il-liġi u, minħabba f'hekk, din il-Qorti ssib li hemm raġunijiet biżżejjed biex tħassarha;

Illi ladarba l-attriċi rtirat **ir-raba' talba** tagħha, din il-Qorti m'hijiex se tqisha aktar;

[35] Ara. Artt. 7(2)(3) tal-Kap 420 (kif kienu fiż-żmien rilevanti għall-każ tallum)
[36] Reg. 7 tal-A.L. 243/08
[37] Reg. 9(2) tal-A.L. 243/08
[38] Art. 2 (Skeda) tal-Att XXI tal-2020

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ħames u sitt talbiet attrici**, din il-Qorti, kif diġa` qalet aktar qabel, tagħraf safejn jaslu s-setgħat tagħha li tistħarreġ is-siwi ta' att amministrattiv jew ta' liġi sussidjarja u x'inhuma r-rimedji li tista' tagħti jew tordna jekk issib xi nuqqas. Il-kompetenza tagħha hi limitata biex tordna li tittieħed deċiżjoni jew biex tħassar dik l-istess deċiżjoni, pero` mhux li tistħarreġ dwar il-konformita` ta' liġi ma att komunitarju u li, f'kaz li ssib nuqqas, tordna li jsiru t-tibdiliet meħtieġa. Fid-dawl ta' dak li ngħad aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li l-liġi nazzjonali ma kinitx milquta min-nuqqas ta' konformita` ma' dak li kienet tipprovdi d-Direttiva[39]. Kif ingħad ukoll, matul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża, saru bosta bidliet fil-liġi nazzjonali biex jirriflettu u jipprovdu għall-bidliet li saru wkoll fil-liġijiet maħruġa mill-istituzzjonijiet komunitarji dwar din il-ħaġa;

Illi, għalhekk ukoll, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ħames u s-sitt talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa u mhux se jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba** u ssib li l-attriċi kellha jedd tressaq appell mid-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv fl-ittra tiegħu lilha tad-29 ta' Novembru, 2012, quddiem it-Tribunal tal-Appelli għall-Protezzjoni Internazzjonali;

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** billi ssib li d-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal fit-18 ta' Frar, 2013, fir-rigward tal-appell imressaq quddiemu mill-attriċi ttieħdet bi ksur tal-liġi u għalhekk ma tiswiex u qiegħda tħassarha;

**Tastjeni** milli tqis aktar i**r-raba' talba** ladarba l-attriċi ma baqgħetx tisħaq fuqha u rtiratha;

**Tiċħad il-ħames u sitt talbiet** attrici għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tordna** li f'dawn iċ-ċirkustanzi **l-ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

[39] Li llum il-ġurnata wkoll m'għadhiex fis-seħħ għaliex tħassret (ara art. 53 tad-Direttiva 32/2013EU) b'seħħ mill-21 ta' Lulju, 2015

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Settembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**